A.L. 54 ta' l-2008

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-2008 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Faċilitajiet tat-Tfal ta' Matul il-Jum bħala Stabbilimenti Edukattivi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 135 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Faċilitajiet tat-Tfal ta' Matul il-Jum bħala Stabbilimenti Edukattivi.

(2) Dawn ir-regolamenti daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2007.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"faċilità" tfisser kull stabbiliment utilizzat għall-għoti ta' servizzi regolari ta' *childcare* għal tfal taħt it-tliet snin, inkluż stabbilimenti bħal *playschools*, *nurseries* u faċilitajiet ta' *childcare* li huma bbażati f'dar;

"Dipartiment" tfisser id-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali;

"*standards*" tfisser l-i*Standards* għall-Faċilitajiet tat-Tfal ta' Matul il-Jum maħruġa mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg u mill-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali.

Applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

3. (1) Kull persuna responsabbli minn faċilità tista' tapplika lill-Ministru sabiex dik il-faċilità tkun reġistrata bħala stabbiliment edukattiv mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

(2) Il-Ministru jista' jilqa' din l-applikazzjoni jekk:

(a) tkun mimlija u akkumpanjata mid-dokumentazzjoni kollha meħtiega; u

(b) id-Dipartiment ikun iċċertifika li l-faċilità hija reġistrata mad-Dipartiment u li l-istess faċilità tilħaq il-kriterji stabbiliti mill-i*standards*.

(3) Id-dokumentazzjoni li għandha takkompanja l-applikazzjoni għandha tinkludi:

(a) deskrizzjoni ta' l-attivitajiet li fih il-programm offrut mill-faċilità, flimkien ma' dettalji dwar il-valur edukattiv tal-programm; u

(b) l-informazzjoni dwar kull miżata u, jew ħlas ieħor imsemmija fir-regolament 5 (2).

(4) Ir-reġistrazzjoni ta' faċilità tkun valida għal sena u l-faċilità għandha tapplika kull sena sabiex iġġedded ir-reġistrazzjoni tagħha.

Kontenut tal-programm.

4. Meta l-faċilità li tapplika sabiex tkun reġistrata taħt dawn ir-regolamenti jkollha liċenza wkoll bħala skola skond l-Att dwar l-Edukazzjoni, il-programm offrut mill-faċilità m'għandux ikun l-istess bħall-programm ta' studju offrut mill-iskola.

Miżati u ħlasijiet oħra.

5. (1) Il-persuna responsabbli mill-faċilità għandha, qabel ma tilqa' xi tifel jew tifla biex jattendu fil-faċilità, tinforma lill-ġenituri b'kull miżata jew ħlas ieħor involut.

(2) Il-Ministru għandu jkun mgħarraf ukoll bil-miktub b'dawn il-miżati u għandu jagħti l-approvazzjoni tiegħu flimkien ma' l-approvazzjoni sabiex tkun reġistrata l-faċilità mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

Eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud.
Kap. 406.

6. Ir-reġistrazzjoni ta' faċilità mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni taħt dawn ir-regolamenti għandu jkollha effett ta' eżenzjoni skond l-artikolu 12 tat-Taqsima 2 tal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.